EBA/Rettifika/2023/01

27.11.2023

# RETTIFIKA

## tal-Linji Gwida EBA/GL/2021/16 dwar il-karatteristiċi ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju għas-superviżjoni tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, u l-passi li għandhom jittieħdu meta titwettaq is-superviżjoni bbażata fuq is-sensittività għar-riskju skont l-Artikolu 48(10) tad-Direttiva (UE) 2015/849 (Il-Linji Gwida dwar is-Superviżjoni Bbażata fuq ir-Riskju)

1. Il-paragrafu 21 huwa emendat kif ġej:

   "Sabiex jikkooperaw u jiskambjaw l-informazzjoni b'mod effettiv, l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw il-miżuri u l-għodod kollha ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni għad-dispożizzjoni tagħhom, inklużi dawk li l-awtoritajiet kompetenti kienu meħtieġa jistabbilixxu f'konformità mad-Direttiva (UE) 2015/849. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw l-affidabbiltà u l-kontinwità ta' dawn il-miżuri u l-għodod biex jimminimizzaw ir-riskju ta' nuqqas ta' informazzjoni potenzjali. B'mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirreferu għal-Linji gwida konġunti tal-ASE dwar il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni għall-fini tad-Direttiva (UE) 2015/849 bejn l-awtoritajiet kompetenti li jissorveljaw l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji, [1] il-Linji Gwida tal-EBA dwar il-kooperazzjoni u l-informazzjoni bejn is-superviżuri prudenzjali u tal-AML/CFT u l-unitajiet tal-intelligence finanzjarja skont id-Direttiva (UE) ~~**2019/878**~~**2013/36** [2] u l-Ftehim Multilaterali bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali skont l-Artikolu 57a(2)(b) tad-Direttiva (UE) 2015/849.[3]"

2. Il-paragrafu 30, il-punti e) sa q) se jiġu nnumerati mill-ġdid u se jibdew bil-punt a).

3. Il-paragrafu 41, il-punti e) sa k) se jiġu nnumerati mill-ġdid u se jibdew bil-punt a).

4. L-ewwel sentenza tal-paragrafu 51 hija emendata kif ġej:

   "L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżviluppaw fehim tajjeb tar-riskji ta' ML/TF preżenti f'kull settur taħt is-superviżjoni tagħhom, li jippermettilhom jipprijoritizzaw l-attivitajiet superviżorji tagħhom bejn is-setturi u fi ħdanhom u jidentifikaw ir-riskji ta' ML/TF li huma rilevanti għal settur partikolari."

5. In-nota 23 f'qiegħ il-paġna fil-paġna 42 hija emendata kif ġej:

   "**Linji Gwida** ~~**Dokument ta' konsultazzjoni**~~ dwar politiki u proċeduri fir-rigward tal-ġestjoni tal-konformità u r-rwol u r-responsabbiltajiet tal-Uffiċjal għall-Konformità tal-AML/CFT skont l-Artikolu 8 u l-Kapitolu VI tad-Direttiva (UE) 2015/849."

---

[1] Linji gwida konġunti dwar il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni għall-finijiet tad-Direttiva (UE) 2015/849 bejn l-awtoritajiet kompetenti li jissorveljaw l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji, "Il-Linji Gwida tal-Kulleġġi tal-AML/CFT", JC 2019 81.

[2] Il-Linji Gwida tal-EBA dwar il-Kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn is-superviżuri prudenzjali, is-superviżuri tal-AML/CFT u l-unitajiet tal-intelligence finanzjarja skont l-Artikolu 117(6) tad-Direttiva 2013/36/UE, Diċembru 2021

[3] Ftehim Multilaterali bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti skont l-Artikolu 57a(2)(b) tad-Direttiva (UE) 2015/849

6. In-nota 24 f'qiegħ il-paġna fil-paġna 42 hija emendata kif ġej:

   "B'mod partikolari f'konformità mal-paragrafu 19 tal-Linji Gwida ~~**futuri**~~tal-EBA dwar il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn is-superviżuri prudenzjali, is-superviżuri tal-AML/CFT u l-unitajiet tal-intelligence finanzjarja skont id-Direttiva 2013/36/UE."

7. Il-paragrafu 101, il-punt b) huwa emendat kif ġej:

   "b) każijiet possibbli fejn is-superviżuri jkunu meħtieġa jikkooperaw ma' partijiet ikkonċernati oħra kif deskritt fit-Taqsima ~~**1.4.1**~~ **4.1.4** ta' dawn il-Linji Gwida u jispjegaw il-proċess ta' kif din il-kooperazzjoni għandha sseħħ fil-prattika;"